MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 22/1992/2

Emilia sive Emily Muscat mart John u okkorrendo l-istess John Muscat .

vs

Michelina Mizzi mart Salvu u okkorrendo l-istess Salvu Mizzi .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti s-somma ta’ mitejn u tmienja u sebghin lira maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm278.46c) dovuti lilhom ta’ xoghol ta’ knitting ta’ diversi hwejjeg tas-suf mahdum mill-istess attrici Emilia Muscat fuq inkarigu tal-istess konvenuti ;

Illi l-istess konvenuti, nonostanti li gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu l-ammont ta’ mitejn u tmienja u sebghin lira maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm278.46c) minnhom dovut, dawn dejjem irrifjutaw, u l-istess konvenuti sahansitra offrew biss jew li jhallsu lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tletin lira (Lm230) jew alternattivament li jikkompensawhom b’sett borom ta’ kwalita, ghamla u daqs li jidhrilhom huma, haga li dejjem giet rifjutata mill-atturi, li insistew li jekk huma sejrin jithallsu b’dan il-mod, huma kellhom ikollhom l-ghazla li jixtru dana s-sett tal-borom, kif jidhrilhom huma skond il-gosti taghhom, liema proposta giet rifjutata mill-istess konvenuti .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundannahom li jhallsu lill-atturi s-somma hawn fuq imsemmija ta’ mitejn u tmienja u sebghin lira maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm278.46c) .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin ta’ Awissu, 1991, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka . Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-gurament ta’ l-attur John Muscat .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi :

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex ma kien hemm ebda ftehim fis-sens imsemmi mill-atturi . L-arrangament kien proprju illi l-atturi xtraw sett borom tal-marka “Uniqueman” li kellu jithallas bix-xoghol . Dan is-sett kellu jigi mizmum mill-konvenuti sakemm jithallas . Kienu proprju l-atturi li ghazlu li ma jkomplux bix-xoghol originali .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Michelina Mizzi .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda u d-dokumenti esebiti .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ghal xoghol tas-suf maghmul mill-attrici tul firxa ta' zmien fuq inkarigu tal-konvenuta . Il-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu l-ammont mitlub, mhux ghax l-attrici ma' hadmitx ix-xoghol li giet imqabda taghmel, imma ghax qed jallegaw illi dan ix-xoghol kellu jithallas b'sett ta' borom li l-attrici kienet ordnat minghandhom .

Gara illi l-attrici kienet avvicinat lill-konvenuta sabiex tibda tahdmilha x-xoghol tas-suf ghaliha u din accettat . F'xi zmien wara, l-attrici thajret takkwista sett tal-borom minghand il-konvenuta, simili ghal dak li kellu xi habib tar-ragel taghha . Imma peress li ma kelliex flus disponibbli ghalieh u l-konvenuta ma kienitx lesta taghtihulha bid-dejn, hajritha thallas ghalieh bix-xoghol tas-suf li kienet qed taghmlilha . Ghal dan il-ghan infetah kont bejniethom u kull darba li l-attrici kienet tlesti xi xoghol tas-suf, kienet tmur bih ghand il-konvenuta u jew hi stess jew bintha, illum Meraldine Buttigieg, kienu jnizzlu notamenti fuq *notebook* li kienet izzomm l-attrici stess, dwar il-flus dovuti ghal kull bicca xoghol lesta, bid-data relattiva tal-konsenja[1] . Kull meta pero' l-attrici kellha bzonn xi flus, il-konvenuta kienet thallasha *cash* u jsir notament ta' dan fuq l-istess *notebook .*

Madankollu f'xi zmien meta l-attrici kienet qed toqrob lejn il-prezz tas-sett tal-borom, marret it-Trade Fair u akkwistat sett simili minn hemm . Ghalhekk irrifjutat illi tiehu dak li kienet refghetilha l-konvenuta u talbitha minflok il-hlas bi

[1] Ara Dok. A anness ma' c-citazzjoni a fol. 6 – 10 tal-process .

flus ghax-xoghol li kienet ghamlitilha . Il-konvenuta ma accettatx ghax sadanittant kienet lahqet refghetilha is-sett tal-borom li kienet ordnatilha u issa li kien ghadda z-zmien, ma kienitx ser issib tbieghu lil haddiehor facilment, peress illi kienu hargu mudelli godda .

L-attrici, ghalkemm tammetti fid-depozizzjoni taghha illi l-ftehim bejna u l-konvenuta kien illi tahdmilha xoghol tas-suf bizzejjed kemm ikollha biex tixtri sett tal-borom minghandha, sadanittant issostni illi ma kienitx marbuta tixtri bilfors dak is-sett li kienet akkwistatilha l-konvenuta . Tghid illi dan kellu xi grif fuqu u ma kienx fih il-fjuri fuq l-ghatu bhal ma kellu dak li rat it-Trade Fair .

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, l-konvenuta ressqet zewg xhieda ndipendenti biex jikkonformaw illi huma wkoll kienu ghamlu ftehim simili maghha biex jahdmu s-suf u minflok flus jiehdu l-kumpens dovut bi prodotti minghandha, inkluz settijiet tal-borom, u li n-notamenti dwar il-kumpens dovut kienu jinzammu, bhal fil-kaz in ezami, minnnhom stess . Ghalhekk ma kien hemm xejn straordinarju li, anke f'dan il-kaz, tintuza l-istess sistema, u dana minkejja illi l-attrici, f'certi partijiet tad-depozizzjoni taghha donna trid titfa certu dubbju fuq it-tip ta' arrangament maghmul bejnha u l-konvenuta . Infatti hin minnhom tghid illi l-istess konvenuta accettat li l-borom jinxtraw direttament mit-Trade Fair, ghax hija ma setghetx tikkomunika ma l-importaturi . Il-konvenuta pero' dan cahditu, u fic-cirkostanzi xejn ma tidher kredibbli din il-versjoni ta' l-attrici . Billi l-konvenuta kienet tinnegozja din l-istess kwalita' ta' borom f'Ghawdex, zgur li ma kienx jaqblilha li hekk facilment taqbad u tirrinunzja ghall-qliegh li kienet ser taghmel minn dan in-negozju, semplicement ghax ma setghetx taqdi lill-attrici minnufih meta qaltilha li rat sett mixtri mit-Trade Fair li kien ghogobha .

Ghaldaqstant, gialadarba jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, li l-attrici kienet regolarment ordnat is-sett ta' borom in kwistjoni minghand il-konvenuta, u ghalhekk in-negozju bejn il-kontendenti kien sar, ma setghetx imbaghad unilateralment thassar dan in-negozju, tixtri l-borom minn band'ohra u tirrifjuta li tonora l-ftehim raggunt

bejniethom . Konsegwentement lanqas ma setghet ghalhekk tinsisti illi tinghata minflok il-kumpens ghax-xoghol tas-suf li kienet ghamlet ghall-konvenuta fi flus kontanti .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi .
S2292KPc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------